**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 249**
**L-Erbgħa, 19 ta' Ġunju, 2024 fl-4:00 p.m.**

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX U L-IPPJANAR - REKLAMI FUQ STAZZJONIJIET TAR-RADJU - NEFQA**

**17958. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu f'reklami fuq stazzjonijiet tar-radju mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn ir-reklami, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-istazzjonijiet li l-Ministeru xtara r-reklami?

02/04/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma sar l-ebda infiq f'reklami fuq stazzjonijiet tar-radju mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar u mill-entitajiet li jaqgħu taħtu.

Seduta 249
19/06/2024

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ U X-XOGĦOL - REKLAMI FUQ STAZZJONIJIET TAR-RADJU - NEFQA**

**17959. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu f'reklami fuq stazzjonijiet tar-radju mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn ir-reklami, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-istazzjonijiet li l-Ministeru xtara r-reklami?

02/04/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li fil-każ tal-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol, r-risposta hija fin-negattiv.

Seduta 249
19/06/2024

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU U L-INDAFA PUBBLIKA - REKLAMI FUQ STAZZJONIJIET TAR-RADJU - NEFQA**

**17960. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu f'reklami fuq stazzjonijiet tar-radju mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn ir-reklami, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-istazzjonijiet li l-Ministeru xtara r-reklami?

02/04/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba.

Seduta 249
19/06/2024

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR - REKLAMI FUQ STAZZJONIJIET TAR-RADJU - NEFQA**

**17961. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu f'reklami fuq stazzjonijiet tar-radju mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn ir-reklami, kif ukoll tipprovdi l-isem tal-istazzjonijiet li l-Ministeru xtara r-reklami?

02/04/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi l-informazzjoni mitluba fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 249
19/06/2024

**MINISTERU GĦALL-FINANZI - REKLAMI FUQ STAZZJONIJIET TAR-RADJU - NEFQA**

**17962. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu f'reklami fuq stazzjonijiet tar-radju mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn ir-reklami, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-istazzjonijiet li l-Ministeru xtara r-reklami?

02/04/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

It-tweġiba turi n-nefqa minn Jannar 2024 'l hemm.

Seduta 249
19/06/2024

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - REKLAMI FUQ STAZZJONIJIET TAR-RADJU - NEFQA**

**17963. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu f'reklami fuq stazzjonijiet tar-radju mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn ir-reklami, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-istazzjonijiet li l-Ministeru xtara r-reklami?

02/04/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba minn Jannar sa April tinsab hawn taħt:

| Ministeru jew Entità | Spiża (excl. VAT) |
|---|---|
| MCST | €2,337.60 |

Seduta 249
19/06/2024

**ADOZZJONI TA' ANNIMALI MINN ANZJANI**

**18418. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid jekk, f'każ li jeżisti xi regolament jew prassi li anzjani ma jistgħux jadottaw annimali, hux se jittieħdu xi passi biex din it-tip ta' diskriminazzjoni abbażi tal-età tieqaf?

15/04/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 18417. Id-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali ma għandu l-ebda ġurisdizzjoni jew kontroll fuq xi prassi jew kriterji li jistgħu jiġu stabbiliti mis-santwarji biex persuna tkun ikkunsidrata eliġibbli biex taddotta annimal minn għandhom.

Seduta 249
19/06/2024

**ŻAMMA TA' PETS META S-SID IKUN RIKOVERAT FI SPTAR**

**18419. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid x'servizz ta' emerġenza jeżisti għaż-żamma ta' pets meta persuna tiġi rikoverata l-isptar u ma jkollha lil ħadd ma' min tħalli l-pet tagħha u fejn jista' jċempel l-istaff tal-isptar f'ċirkostanzi bħal dawn?

15/04/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li tali annimali jistgħu jiġu miżmuma ġo stabbilimenti ta' akkomodazzjoni għall-klieb u qtates li huma debitament liċenzjati skont il-Liġi Sussidjarja 439.15. Lista ta' tali stabbilimenti tinstab fuq is-sit elettroniku tad-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja.

Seduta 249
19/06/2024

**PUBBLIKAZZJONI WORLD AIR QUALITY 2023**

**18420. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Fid-dawl tar-rapport 'World Air Quality 2023' ippubblikat mill-IQAIR, Malta għandha arja mniġġsa iktar mid-doppju tal-livell rakkomandat mill-Għaqda Dinjija tas-Saħħa, jista' l-Ministru jgħid xi strateġija għandu l-Gvern biex itejjeb il-kwalità tal-arja?

15/04/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ir-rapport li qed issir referenza għalih huwa bbażat fuq il-livelli tal-kwalità tal-arja assoċjati mat-trab l-iżjed fin, magħruf bħala particulate matter, jew PM2.5 S'issa, Malta dejjem kienet konformi mal-livelli ta' PM2.5 regolati mill-Unjoni Ewropea permezz tad-Direttiva tal-Kwalità tal-Arja. Fil-fatt, il-livelli ta' PM2.5 rakkomandati mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa huma ferm iżjed stretti minn dawk regolati f'din id-Direttiva tal-UE.

Is-sors ta' din is-sustanza ta' tniġġis joriġina kemm minn sorsi magħmula mill-bniedem (bħat-traffiku) u oħrajn naturali bħar-ramel tad-deżert u r-raxx tal-baħar. Huwa fatt magħruf li Malta hija affettwata spiss minn fenomeni ta' trab mid-deżert tas-Sahara. Madankollu, ma jfissirx li l-Gvern mhux jaħdem biex inaqqas il-kontribut ta' PM2.5 li ġej minn sorsi ta' kombustjoni ta' fjuwils. Matul is-snin, diversi miżuri wasslu għal titjib fil-kwalità tal-arja, bħar-riforma fis-settur tal-enerġija, trasport b'xejn kemm fuq l-art u fuq il-baħar (inkluż dak għall-iskejjel), il-proġett 'shore-to-ship' u għotjiet (inċentivi) finanzjarji għal vetturi li jniġġsu inqas, fost oħrajn. Il-Gvern nieda wkoll Pjan għall-Kwalità tal-Arja li ħareġ għall-konsultazzjoni pubblika. Dan il-pjan wasal f'fażi ta' diskussjonijiet finali.

Seduta 249
19/06/2024

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - PANNELLI SOLARI**

**19019. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pannelli solari fuq il-bejt tal-Ministeru? Jekk le, jista' jgħid jekk hemmx il-ħsieb li jsiru?

02/05/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm pannelli solari fuq il-bejt tal-binja preżenti tal-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u Gvern Lokali.

Seduta 249
19/06/2024

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - PANNELLI SOLARI**

**19020. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pannelli solari fuq il-bejt tal-Ministeru? Jekk le, jista' jgħid jekk hemmx il-ħsieb li jsiru?

02/05/2024

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa ma hemmx pannelli solari fuq il-bejt tal-Ministeru. Dawn tneħħew sabiex ikunu jistgħu jsiru x-xogħlijiet tal-proġett ta' restawr. Hemm il-ħsieb li jerġgħu jiġu nstallati bħala parti minn dan il-proġett.

Seduta 249
19/06/2024

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - PANNELLI SOLARI**

**19021. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pannelli solari fuq il-bejt tal-Ministeru? Jekk le, jista' jgħid jekk hemmx il-ħsieb li jsiru?

02/05/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-preżent ma hemmx pannelli solari fuq Palazzo Ferreria, il-binja li tospita il-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal. Madankollu huwa ippjanat li jsir studju dwar il-vijabilità ta' tali pannelli, anke fil-kuntest li din il-binja storika hija skedata.

Seduta 249
19/06/2024

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - PANNELLI SOLARI**

**19022. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pannelli solari fuq il-bejt tal-Ministeru? Jekk le, jista' jgħid jekk hemmx il-ħsieb li jsiru?

02/05/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li preżentament il-binja tal-Ministeru hija mikrija u ma nistgħux ninstallaw pannelli solari fuq il-bejt.

Seduta 249
19/06/2024

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODOZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - PANNELLI SOLARI**

**19023. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pannelli solari fuq il-bejt tal-Ministeru? Jekk le, jista' jgħid jekk hemmx il-ħsieb li jsiru?

02/05/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li minħabba li l-binja tal-Ministeru tinsab f'kirja u qiegħda tintuża fuq bażi temporanja, bħalissa m'hemmx ħsieb li jiġu installati panelli solari.

Seduta 249
19/06/2024

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, L-INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI - PANNELLI SOLARI**

**19024. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pannelli solari fuq il-bejt tal-Ministeru? Jekk le, jista' jgħid jekk hemmx il-ħsieb li jsiru?

02/05/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-preżent il-binja tal-Ministeru, m'għanda l-ebda pannelli solari. Madankollu, l-Ministeru jinsab iffukat fuq xogħlijiet ta' rinovazzjoni neċessarji fuq l-istess binja li għanda wirt storiku għall-belt Valletta qabel ma jkun jista jippjana l-installazzjoni ta' Panelli Solari.

Seduta 249
19/06/2024

**SPTAR MATER DEI - IĊĊEKKJAR TA' STOCKS TAL-MEDIĊINA - JANNAR 2024**

**19392. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 18380 u jgħid kemm-il darba matul ix-xahar ta' Jannar 2024, l-ispiżjara tal-Isptar Mater Dei żaru l-wards biex jiċċekkjaw l-istocks tal-mediċina u jekk kenux se jiskadu jew le?

15/05/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kull Ward u Dipartiment għandhom is-sistema tagħhom kif b'mod regolari jiċċekkjaw id-data tal-iskadenza tal-istocks tal-mediċini.

Seduta 249
19/06/2024

**SPTAR MATER DEI - IĊĊEKKJAR TA' STOCKS TAL-MEDIĊINA - FRAR 2024**

**19393. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 18381 u jgħid kemm-il darba matul ix-xahar ta' Frar 2024, l-ispiżjara tal-Isptar Mater Dei żaru l-wards biex jiċċekkjaw l-istocks tal-mediċina u jekk kenux se jiskadu jew le?

15/05/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 19392.

Seduta 249
19/06/2024

**AWTORITÀ GĦALL-AZZJONI DWAR IL-KLIMA - CEO**

**19503. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk ġiex magħżul is-CEO tal-Awtorità għall-Azzjoni dwar il-Klima? Jekk iva, tista' tgħid xi proċedura ntużat biex jintgħażel is-CEO?

17/05/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Att XVI tal-2024 fuq Azzjoni dwar il-Klima għad irid jidħol fis-seħħ. Ladarba jseħħ dan u tkun twaqqfet ukoll l-Awtorità għall-Azzjoni dwar il-Klima, il-kariga ta' Uffiċjal Kap Eżekuttiv timtela skont kif jipprovdi l-Artiklu 12(2).

Seduta 249
19/06/2024

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR - LISTA TA' XOGĦLIJIET U ĦLAS**

**19541. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tagħti lista ta' xogħol u ammonti ta' flus li tħallsu mill-Ministeru u minn kull entità li taqa' taħt id-dekasteru tagħha lill-kumpanija/i li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament għal kull sena, mill-2010 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

22/05/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li tlabt biex l-informazzjoni tinġabar.

Seduta 249
19/06/2024

**MINISTERU GĦALL-FINANZI - LISTA TA' XOGĦLIJIET U ĦLAS**

**19542. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jagħti lista ta' xogħol u ammonti ta' flus li tħallsu mill-Ministeru u minn kull entità li taqa' taħt id-dekasteru tiegħu lill-kumpanija/i li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament għal kull sena, mill-2010 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

22/05/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 249
19/06/2024

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - LISTA TA' XOGĦLIJIET U ĦLAS**

**19543. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jagħti lista ta' xogħol u ammonti ta' flus li tħallsu mill-Ministeru u minn kull entità li taqa' taħt id-dekasteru tiegħu lill-kumpanija/i li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament għal kull sena, mill-2010 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

22/05/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 249
19/06/2024

**MINISTERU GĦALL-ARTIJIET U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI - LISTA TA' XOGĦLIJIET U ĦLAS**

**19544. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jagħti lista ta' xogħol u ammonti ta' flus li tħallsu mill-Ministeru u minn kull entità li taqa' taħt id-dekasteru tiegħu lill-kumpanija/i li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament għal kull sena, mill-2010 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

22/05/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li l-ispiża mħallsa mill-Awtorità tal-Artijiet hija kif murija fit-tabella preżenti.

| Ganado & Associates | | Exc. VAT |
|---|---|---|
| 2021 | Servizzi Legali | 4,000.00 |
| 2022 | Servizzi Legali | 280 |
| | | |
| Camilleri Preziosi | | Exc. VAT |
| 2019 | Servizzi Legali | 5,546.00 |
| 2019 | Servizzi Legali | 2,500.00 |

Seduta 249
19/06/2024

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI - LISTA TA' XOGĦLIJIET U ĦLAS**

**19545. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jagħti lista ta' xogħol u ammonti ta' flus li tħallsu mill-Ministeru u minn kull entità li taqa’ taħt id-dekasteru tiegħu lill-kumpanija/i li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament għal kull sena, mill-2010 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

22/05/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninsab infurmat li l-informazzjoni ser tingħata f’seduta oħra.

Seduta 249
19/06/2024

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA - LISTA TA' XOGĦLIJIET U ĦLAS**

**19546. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jagħti lista ta' xogħol u ammonti ta' flus li tħallsu mill-Ministeru u minn kull entità li taqa’ taħt id-dekasteru tiegħu lill-kumpanija/i li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament għal kull sena, mill-2010 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

22/05/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** L-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 249
19/06/2024

**IL-ĦAMRUN - TRIQ SAN GEJTANU - XOGĦLIJIET**

**19587. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista’ l-Ministru jgħid meta nbeda x-xogħol fuq Triq San Gejtanu, il-Ħamrun u meta ntemm? Kemm kien proġettat li ser jiswew dawn ix-xogħlijiet u kemm effettivament ġew jiswew?

24/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proġett fi Triq San Gejtanu, il-Ħamrun huwa parti mill-pjan tal-Gvern jwettaq investiment bla preċedent ta’ €700 miljun f’seba’ snin biex tiġi msaħħa l-kwalità u s-sigurtà tal-infrastruttura tat-toroq. Infrastructure Malta tibqa’ twettaq proġett wara ieħor li jkompli jipprepara lil Malta għal-lum u l-futur; proġetti li gvernijiet ta’ qabel l-2013 ma kellhomx ir-rieda u l-viżjoni li jwettaqhom u dejjem ħares band’oħra meta affaċċjat bi pressjoni.

Seduta 249
19/06/2024

**IL-ĦAMRUN - TRIQ JOE SCIBERRAS - XOGĦLIJIET**

**19588. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista’ l-Ministru jgħid meta nbeda x-xogħol fuq Triq Joe Sciberras, il-Ħamrun u meta ntemm? Kemm kien proġettat li ser jiswew dawn ix-xogħlijiet u kemm effettivament ġew jiswew?

24/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proġett fi Triq Joe Sciberras, il-Ħamrun huwa parti mill-pjan tal-Gvern jwettaq investiment bla preċedent ta’ €700 miljun f’seba’ snin biex tiġi msaħħa l-kwalità u s-sigurtà tal-infrastruttura tat-toroq. Infrastructure Malta tibqa’ twettaq proġett wara ieħor li jkompli jipprepara lil Malta għal-lum u l-futur; proġetti li gvernijiet ta’ qabel l-2013 ma kellhomx ir-rieda u l-viżjoni li jwettaqhom u dejjem ħares band’oħra meta affaċċjat bi pressjoni.

Seduta 249
19/06/2024

**IL-KALKARA – SMART CITY AREA - XOGĦLIJIET**

**19589. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid meta nbeda x-xogħol fuq Smart City Area, il-Kalkara u meta ntemm? Kemm kien proġettat li ser jiswew dawn ix-xogħlijiet u kemm effettivament ġew jiswew?

24/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proġett fi Smart City Area, il-Kalkarahuwa parti mill-pjan tal-Gvern jwettaq investiment bla preċedent ta' €700 miljun f'seba' snin biex tiġi msaħħa l-kwalità u s-sigurtà tal-infrastruttura tat-toroq. Infrastructure Malta tibqa' twettaq proġett wara ieħor li jkompli jipprepara lil Malta għal-lum u l-futur; proġetti li gvernijiet ta' qabel l-2013 ma kellhomx ir-rieda u l-viżjoni li jwettaqhom u dejjem ħares band'oħra meta affaċċjat bi pressjoni.

Seduta 249
19/06/2024

**IL-KALKARA - TRIQ IL-KAPUĊĊINI - XOGĦLIJIET**

**19590. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid meta nbeda x-xogħol fuq Triq il-Kapuċċini, il-Kalkara u meta ntemm? Kemm kien proġettat li ser jiswew dawn ix-xogħlijiet u kemm effettivament ġew jiswew?

24/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proġett fi Triq il-Kapuċċini, il-Kalkara huwa parti mill-pjan tal-Gvern jwettaq investiment bla preċedent ta' €700 miljun f'seba' snin biex tiġi msaħħa l-kwalità u s-sigurtà tal-infrastruttura tat-toroq. Infrastructure Malta tibqa' twettaq proġett wara ieħor li jkompli jipprepara lil Malta għal-lum u l-futur; proġetti li gvernijiet ta' qabel l-2013 ma kellhomx ir-rieda u l-viżjoni li jwettaqhom u dejjem ħares band'oħra meta affaċċjat bi pressjoni.

Seduta 249
19/06/2024

**ĦAL LIJA - TRIQ IS-SALVATUR - XOGĦLIJIET**

**19591. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid meta nbeda x-xogħol fuq Triq is-Salvatur, Ħal Lija u meta ntemm? Kemm kien proġettat li ser jiswew dawn ix-xogħlijiet u kemm effettivament ġew jiswew?

24/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proġett fi Triq is-Salvatur, Ħal Lija huwa parti mill-pjan tal-Gvern jwettaq investiment bla preċedent ta' €700 miljun f'seba' snin biex tiġi msaħħa l-kwalità u s-sigurtà tal-infrastruttura tat-toroq. Infrastructure Malta tibqa' twettaq proġett wara ieħor li jkompli jipprepara lil Malta għal-lum u l-futur; proġetti li gvernijiet ta' qabel l-2013 ma kellhomx ir-rieda u l-viżjoni li jwettaqhom u dejjem ħares band'oħra meta affaċċjat bi pressjoni.

Seduta 249
19/06/2024

**ĦAL LIJA - SQAQ IL-KUNĊIZZJONI - XOGĦLIJIET**

**19592. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid meta nbeda x-xogħol fuq Sqaq il-Kunċizzjoni, Ħal Lija u meta ntemm? Kemm kien proġettat li ser jiswew dawn ix-xogħlijiet u kemm effettivament ġew jiswew?

24/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proġett fi Sqaq il-Kunċizzjoni, Ħal Lija huwa parti mill-pjan tal-Gvern jwettaq investiment bla preċedent ta' €700 miljun f'seba' snin biex tiġi msaħħa l-kwalità u s-sigurtà tal-infrastruttura tat-toroq. Infrastructure Malta tibqa' twettaq proġett wara ieħor li jkompli jipprepara lil Malta għal-lum u l-futur; proġetti li gvernijiet ta' qabel l-2013 ma kellhomx ir-rieda u l-viżjoni li jwettaqhom u dejjem ħares band'oħra meta affaċċjat bi pressjoni.

Seduta 249
19/06/2024

**UNIVERSITÀ TA' MALTA - APPARAT**

**19658. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 19074, jista' l-Ministru jara li fil-librerija tal-Università ta' Malta mhux biss ikun hemm aċċess għall-internet imma li jkun hemm apparat disponibbli?

28/05/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Filwaqt li nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 19071 li fiha ngħatat l-informazzjoni kollha. Infurmat li l-Università ma tħossx li hemm neċessità għal apparat addizzjonali la m'hemmx domanda għalih.

Seduta 249
19/06/2024

**IL-FURJANA – TRIQ ĠNIEN DANTE ALIGHIERI – SIĠAR TAĊ-ĊITRU**

**19659. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 18519, jista' l-Ministru jgħid jekk ittieħdux passi ulterjuri sabiex ikun hemm iż-żabra u l-ġbir neċessarju fuq is-siġar taċ-ċitru li hemm fi Ġnien Dante Alighieri l-Furjana?

28/05/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tal-Floriana li fil-ġnien bħalissa għaddej it-tindif, il-ħrit tal-konki madwar is-siġar u t-tisqija. Sadattant infurmat wkoll li ż-żabra u l-ġbir tal-frott mhux ideali li jsir daż-żmien iżda aktar tard meta jaqleb it-temp wara l-istaġun tas-sajf.

Seduta 249
19/06/2024

**LANDSCAPE CONVENTION**

**19660. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 7425, 12937 u 17209, tista' l-Ministru tgħid f'liema stadju waslet il-Landscape Convention?

28/05/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proċess ta' ratifikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni għadu għaddej.

Seduta 249
19/06/2024

**RAĦAL ĠDID - TRIQ IT-TARZNA - BANKINA**

**19661. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jivverifika l-informazzjoni mogħtija fit-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 17507, dwar il-bankina li hemm fi Triq it-Tarzna, Raħal Ġdid?

28/05/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Paola li sal-lum ma kienx hemm żvilluppi ulterjuri fl-istat tal-bankina u l-iżvilupp fir-residenza minn kif indikat fl-aħħar tweġiba li ngħatat.

Seduta 249
19/06/2024

**IL-FURJANA – FUNTANA TAL-ILJUN - NEFQA**

**19662. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16622, jista' l-Ministru jgħid kemm ġew jiswew l-ispejjeż li ġew inkorsi sabiex il-Funtana tal-Iljun fil-Furjana tiġi lura għan-normal?

28/05/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel il-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 249
19/06/2024

**RAĦAL ĠDID - ŻBIR TA' SIĠRA LI QIEGĦDA TAGĦMEL ĦSARA LILL-PROPRJETÀ**

**19663. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 11554, 11555 u 11556, jista' l-Ministru jara li jittieħdu l-passi neċessarji sabiex is-siġra li hemm fuq wara tal-proprjetà li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament, tiġi debitament miżbura?

28/05/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Paola li s-siġra inkwistjoni qiegħda fi Ground Pace Grasso u fl-aħħar ġimgħat saru xogħlijiet fejn is-siġra nżabret sew u huwa l-ħsieb li din tkompli tinżabar sabiex tkun aktar ikkontrollata.

Seduta 249
19/06/2024

**DEJN NAZZJONALI**

**19698. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu d-dejn nazzjonali bħalissa?

03/06/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi skond l-aħħar ċifri ppubblikati mill-NSO, id-dejn nazzjonali għas-sena 2023 kien ta' €9,767,805,000.

Seduta 249
19/06/2024

**DIRETTIVA (UE) 2024/1203**

**19755. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'miżuri ttieħdu jew huma maħsuba li jittieħdu fir-rigward tal-implimentazzjoni effettiva tad-Direttiva (UE) 2024/1203 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali u li tissostitwixxi d-Direttivi 2008/99/KE u 2009/123/K?

03/06/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 249
19/06/2024

**GĦAJNSIELEM – TRIQ ĠUŻEPPI CAUCHI**

**19764. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: It-triq fejn Triq Kemmuna tingħaqad ma' Triq Ġużeppi Cauchi f'Għajnsielem waslet f'punt inaċċettabbli kemm għar-residenti tal-qrib kif ukoll għal kull min jużaha, wara li ilha snin tiddegrada, u b'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 16498 u 18688 fejn intqal li 'sa issa ma hemmx proċess ta' esproprjazzjoni', jista' l-Ministru jgħid:

i. Għaliex hemm sinjali ta' Dead End maż-żewġ naħat tat-triq, iżda t-traffiku xorta qed jgħaddi 'l fuq u 'l isfel?
ii. Għaliex m'hemm l-ebda sinjal ta' No Entry?
iii. Għaliex parti sinifikanti ta' din it-triq hija mħarbta ħafna, magħmula biss minn torba u żrar - saħansitra f'ċerti partijiet b'gandott fond min-naħa sal-oħra tat-triq b'konsegwenzi gravi għat-traffiku li jgħaddi minnha - kif ukoll bi problemi persistenti ta' iġjene u drenaġġ a skapitu tar-residenti?
iv. Għaliex fit-triq hemm kaxxa tad-dawl li tista' tintlaħaq minn min jgħaddi minnha, b'meter temporanju u b'wires ikkomunikati magħha li għaddejjin mal-art u li qed jgħaddu l-vetturi minn fuqhom?

04/06/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi huwa minnhu li hemm it-tabelli ta 'Dead End' li jfissru li t-triq tagħlaq, madankollu dawn ma jimpedux milli dak li jkun jidħol bil-vettura għar-residenza tiegħu. Barra minn hekk ma hemmx lok għal sinjali 'No Entry'. Dan għar-raġuni li jekk isiru ma jibqax aċċess għar-residenti.

Għar-Rigward tal-Punti l-oħra nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 249
19/06/2024

**SPTARIJIET TAL-ISTAT - SODOD**

**19793. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm sodod fl-isptarijiet tal-Istat kemm f'Malta u kemm f'Għawdex għal kull mitt elf (100,000) abitant li għandna f'pajjiżna?

05/06/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-isptarijiet tal-Istat għandna 415.2 sodda għal kull mitt elf abitant f'pajjiżna.

Seduta 249
19/06/2024

**SPTAR MATER DEI U SPTAR ĠENERALI TA' GĦAWDEX – PAZJENTI**

**19794. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm mill-pazjenti li għamlu użu mill-Isptar Mater Dei jew mill-Isptar Ġenerali ta' Għawdex fl-2023 kienu ta' nazzjonalità barranija u kemm minnhom kienu Maltin? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn għamlu operazzjonijiet, kemm għamlu użu mill-outpatients u kemm għamlu użu mis-servizz tal-emerġenza?

05/06/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 249
19/06/2024

**HIP REPLACEMENT U KNEE REPLACEMENT – OPERAZZJONIJIET FUQ PAZJENTI BARRANIN**

**19795. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru operazzjonijiet tal-hip replacement u knee replacement fuq pazjenti ta' nazzjonalità barranija fis-snin 2022 u 2023?

05/06/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 249
19/06/2024

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR - DIRECT ORDERS**

**19819. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm ħarġu direct orders mill-Ministeru u minn kull entità li taqa' taħt ir-responsabbiltà tagħha minn Jannar 2017 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Tista' tgħid ukoll:
(i) kemm kienet in-nefqa totali f'direct orders kull sena;
(ii) kemm kien hemm direct orders kull sena;
(iii) kemm kien l-ammont ta' kull direct order;
(iv) lil min ingħataw dawn id-direct orders u għal liema xogħol, prodott jew servizz;
(v) min awtorizza dawn id-direct orders?

05/06/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Contracting Authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 249
19/06/2024

**MINISTERU GĦALL-FINANZI - DIRECT ORDERS**

**19820. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm ħarġu direct orders mill-Ministeru u minn kull entità li taqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu minn Jannar 2017 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll:
(i) kemm kienet in-nefqa totali f'direct orders kull sena;
(ii) kemm kien hemm direct orders kull sena;
(iii) kemm kien l-ammont ta' kull direct order;
(iv) lil min ingħataw dawn id-direct orders u għal liema xogħol, prodott jew servizz;
(v) min awtorizza dawn id-direct orders?

05/06/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 249
19/06/2024

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - DIRECT ORDERS**

**19821. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm ħarġu direct orders mill-Ministeru u minn kull entità li taqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu minn Jannar 2017 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll:
(i) kemm kienet in-nefqa totali f'direct orders kull sena;
(ii) kemm kien hemm direct orders kull sena;
(iii) kemm kien l-ammont ta' kull direct order;
(iv) lil min ingħataw dawn id-direct orders u għal liema xogħol, prodott jew servizz;
(v) min awtorizza dawn id-direct orders?

05/06/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħi japplikaw ir-regoli għall-Offerti Dipartimentali u l-Metodi ta' Akkwist skont il-Valur tal-Kuntratt joħorġu mill-Public Procurement Regulations.
Il-Contracting Authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 249
19/06/2024

**MINISTERU GĦALL-ARTIJIET U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI - DIRECT ORDERS**

**19822. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid kemm ħarġu direct orders mill-Ministeru u minn kull entità li taqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu minn Jannar 2017 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll:
(i) kemm kienet in-nefqa totali f'direct orders kull sena;
(ii) kemm kien hemm direct orders kull sena;
(iii) kemm kien l-ammont ta' kull direct order;
(iv) lil min ingħataw dawn id-direct orders u għal liema xogħol, prodott jew servizz;
(v) min awtorizza dawn id-direct orders?

05/06/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 249
19/06/2024

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI - DIRECT ORDERS**

**19823. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm ħarġu direct orders mill-Ministeru u minn kull entità li taqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu minn Jannar 2017 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll:
(i) kemm kienet in-nefqa totali f'direct orders kull sena;
(ii) kemm kien hemm direct orders kull sena;
(iii) kemm kien l-ammont ta' kull direct order;
(iv) lil min ingħataw dawn id-direct orders u għal liema xogħol, prodott jew servizz;
(v) min awtorizza dawn id-direct orders?

05/06/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 249
19/06/2024

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA - DIRECT ORDERS**

**19824. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm ħarġu direct orders mill-Ministeru u minn kull entità li taqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu minn Jannar 2017 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll:
(i) kemm kienet in-nefqa totali f'direct orders kull sena;
(ii) kemm kien hemm direct orders kull sena;
(iii) kemm kien l-ammont ta' kull direct order;
(iv) lil min ingħataw dawn id-direct orders u għal liema xogħol, prodott jew servizz;
(v) min awtorizza dawn id-direct orders?

05/06/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 249
19/06/2024

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**19951. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Awwissu 2023?

12/06/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari W85.

Seduta 249
19/06/2024

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**19952. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Awwissu 2023?

12/06/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari W156.

Seduta 249
19/06/2024

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, L-INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**19953. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Awwissu 2023?

12/06/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nirreferi l-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 19676.

Seduta 249
19/06/2024

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**19954. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha matul Awwissu 2023?

12/06/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 19677.

Seduta 249
19/06/2024

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX U L-IPPJANAR - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**19955. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Awwissu 2023?

12/06/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jagħmel referenza għall-informazzjoni li ngħatat fil-mistoqsija parlamentari 19678.

Seduta 249
19/06/2024

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ U X-XOGĦOL - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**19956. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Awwissu 2023?

12/06/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 19679.

Seduta 249
19/06/2024

**AWTORITÀ TAL-IKEL**

**19969. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid għaliex l-Awtorità tal-Ikel qed tiġi mwaqqfa taħt il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali meta liġijiet eżistenti li jikkonċernaw is-salvagwardja tal-ikel jaqgħu taħt ir-responsabilità tal-Ministeru għas-Saħħa?

13/06/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kontrolli tas-sigurtà fl-ikel f'Malta minn dejjem kienet ir-responsabbiltà kondiviża ta' tlett Ministeri u preżentement hija mifruxa fuq 11-il entità li twassal għal sorveljanza frammentata. Huwa għalhekk, li fil-Manifest Elettorali tal-2022, il-Gvern ippropona l-konsolidazzjoni tal-kontrolli tal-ikel taħt awtorità waħda.

Seduta 249
19/06/2024

**IS-SIGURTÀ TAL-IKEL**

**19970. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid jekk dak kollu relatat mas-sigurtà tal-ikel hux se jiġi trasferit minn taħt ir-responsabilità tad-Direttorat tas-Saħħa Ambjentali għal taħt ir-responsabilità tal-Ministeru għall-Agrikultura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali bil-ħolqien tal-Awtorità tal-Ikel?

13/06/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hekk kif indikat f'Miżura 567 fil-Manifest Elettorali tal-2022, il-Gvern ikkonsidra li jkun stabbilit regolatur wieħed li jkun iffukat fuq is-sigurtà u l-kwalità tal-ikel sabiex jiġi kkonsolidat ix-xogħol li preżentement isir minn numru ta' entitajiet u Ministeri differenti. Dan il-pass beda jitwettaq meta wara l-elezzjoni tal-2022, il-Kummissjoni għas-Sigurtà fl-Ikel ġiet assenjata lill-Ministeru responsabbli mill-ikel fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, s-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali.

Seduta 249
19/06/2024

**AWTORITÀ TAL-IKEL**

**19971. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kif se tiġi ffurmata l-Awtorità tal-Ikel u min se jkun qed imexxiha?

13/06/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-dettalji jiġu mħabbra appena jiġi preżentat l-att legali fil-Parlament.

Seduta 249
19/06/2024

**CONTINUOUS BLOOD GLUCOSE MONITORING**

**19972. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija supplimentari li saret waqt is-seduta ta' nhar it-Tlieta 7 ta' Mejju 2024, jista' l-Ministru jgħid u jikkonferma jekk il-Gvern iddeċidiex li l-continuous blood glucose monitoring jiġi estiż għal dawk kollha li jkunu għaddew minn intervent biex titneħħielhom parti jew il-frixa kollha?

13/06/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li ttieħdet deċiżjoni li kull pazjent li kellu kirurġija maġġura fil-frixa u qegħdin fuq l-insulina, jingħataw continuous blood glucose monitor.

Gruppi oħra sal-età ta' 55 sena, bdew jingħataw CGM. Oħrajn 'l fuq minn 55 sena, ser jingħataw CGM fi żmien qasir. L-ordni għal aktar CGM diġà saret.

Sadanittant, dawk il-persuni sal-età 45 u li huma dijabetiċi Type 1, għandhom CGM. Pazjenti li huma tqal u fuq l-insulin ingħataw ukoll CGM.

Seduta 249
19/06/2024

**CONTINUOUS BLOOD GLUCOSE MONITORING**

**19973. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-continuous blood glucose monitoring li qal li se jiġi estiż għal dawk il-pazjenti kollha li jkunu għaddew minn intervent biex titneħħielhom parti jew il-frixa kollha, huwiex marbut ma' xi età?

13/06/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 19972.

Seduta 249
19/06/2024

**CONTINUOUS BLOOD GLUCOSE MONITORING**

**19974. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid minn meta se jiġu pprovduti l-continuous blood glucose monitoring lill-pazjenti li jbatu minn Type 1 Diabetes li għandhom bejn il-35 sena u 45 sena u lil dawk li kienu għaddew minn intervent biex titneħħielhom parti jew il-frixa kollha?

13/06/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 19972.

Seduta 249
19/06/2024

**PERMESS BIEX MA JSIRX TWAQQIGĦ U SKAVAR FIX-XHUR TAS-SAJF - LISTA TA' TOROQ**

**20011. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid x'differenza hemm bejn il-lista ta' toroq li fihom mhux permess isir twaqqigħ u skavar fix-xhur tas-sajf maħruġa għas-sajf 2023 u dik maħruġa għas-sajf 2024?

13/06/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 10242 u 19265.

Seduta 249
19/06/2024

**PLOTS VOJTA - RIMI TA' SKART**

**20014. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid jekk għadx hemm obbligu li s-sidien ta' plots vojta, li possibbilment ikun qed jintrema ħafna skart fihom, itellgħu ħajt ta' tmien filati kif kien tħabbar fl-2007? Jista' jgħid ukoll jekk din hux qed tiġi infurzata, u jekk iva, kif?

14/06/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma hemmx obbligu li jittella ħajt madwar plots vojta. Madankollu dan jista' isir bis-saħħa ta' L.S.552.08, Klassi 2(ii), mingħajr il-bżonn ta' permess ta' żvilupp jew notifika lill-Awtorità tal-Ippjanar biex jinbena ħajt u jgħalaq art, fiż-żona tal-iżvilupp, li tmiss ma' triq ufficjali.

Skont artikolu 99(1) tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp (KAP. 552) tal-2016, jekk il-Kunsill Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Ippjanar "jidhirlu li l-ġmiel jew siwi ta' xi żona huwa mħassar bid-dehra jew kondizzjoni strutturali ta' xi bini jew ta' xi art, li tkun ġnien, sit vojt jew art oħra fil-beraħ, jew bid-dehra ta' xi sit fejn ikun qed isir jew sar żvilupp fih jew kostruzzjoni jew xi xogħlijiet oħra, il-Kunsill Eżekuttiv jista' jinnotifika avviż ta' twettiq fuq is-sid tal-art jew fuq l-okkupant tal-art jew fuq il-persuna responsabbli għal azzjonijiet imsemmija fl-avviż jew kwalunkwe kombinazzjoni tagħhom, kif il-Kunsill Eżekuttiv jidhirlu l-aktar spedjenti, li fih ikun meħtieġ li jittieħdu dawk il-passi biex titnaqqas il-ħsara kif jista' jiġi speċifikat fl-avviż."

Seduta 249
19/06/2024

**KOLLABORAZZJONI BEJN IL-MINISTERU U R-RICHMOND FOUNDATION**

**20015. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid x'tip ta' kollaborazzjoni hemm bejn il-Ministeru u r-Richmond Foundation sabiex din il-fondazzjoni tkun tista' tagħti servizz lil persuni li jkollhom bżonnijiet marbuta mas-saħħa mentali?

14/06/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Ministeru, flimkien mal-Aġenzija Sapport bdew diskussjonijiet biex ikun hemm kollaborazzjoni ma' Richmond Foundation fi provediment ta' servizz għal persuni b'nuqqas intellettwali li għaddejjin minn sfidi ta' saħħa mentali. Filwaqt li ninfurmaha wkoll li fis-snin 2019 u 2023 Richmond Foundation ibbenefikat minn fondi tal-Voluntary Organisations Project Scheme (VOPS) b'valur ta' €20,000 għal kull proġett. Din l-iskema hija amministrata mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat (MCVS).

Seduta 249
19/06/2024

**SAPPORT LIL PERSUNI BI PROBLEMI TA' SAĦĦA MENTALI**

**20016. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm persuni bi problemi ta' saħħa mentali li ngħataw sapport sabiex ikunu jistgħu jsibu impjieg permanenti wara li jkunu temmew il-kura neċessarja?

14/06/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta biex tagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 249
19/06/2024

**SAĦĦA MENTALI - KOLLABORAZZJONI BEJN IL-MINISTERU U ENTITAJIET DIFFERENTI**

**20017. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid x'tip ta' kollaborazzjonijiet jew arranġamenti qegħdin isiru mill-Ministeru fir-rigward tal-ħarsien ta' persuni li għandhom diffikultajiet relatati mas-saħħa mentali u ma' liema entitajiet qegħdin isiru dawn il-kollaborazzjonijiet jew arranġamenti?

14/06/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li persuni li għandhom sfidi ta' saħħa mentali huma inklużi fid-definizzjoni ta' 'persuni b'diżabilità' tal-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità. Għaldaqstant, it-taqsima tal-Investigazzjonijiet fi ħdan il-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD) tilqa' lmenti magħmula minn persuni li għandhom problemi ta' saħħa mentali li jallegaw li ġew iddiskriminati minħabba l-kundizzjoni tagħhom.
Il-Kummissjoni tinkludi wkoll informazzjoni dwar saħħa mentali u l-isfidi li jaffaċċjaw persuni li għandhom dawn il-kundizzjonijiet fit-taħriġ tagħha magħruf bħala Disability Equality Training, li ġie mwassal lil aktar minn 7,000 ruħ matul l-2023.

Il-qasam tas-saħħa mentali ġie ttrattat ukoll fir-riċerka li l-Kummissjoni wettqet is-sena li għaddiet dwar id-Deistituzzjonalizzazzjoni. Il-Kummissjoni, permezz tal-Kummissarju tiddiskuti fuq bażi regolari, s-servizzi li jingħataw lil persuni li għandhom problemi ta' saħħa mentali mat-tmexxija tal-Isptar Monte Carmeli.
Ta' min wieħed ifakkar ukoll li l-Kummissarju għas-Saħħa Mentali huwa membru fundatur tal-Malta Business Disability Forum li twaqqaf fuq inizjattiva tal-Kummissjoni u li fih ġie diskuss ukoll l-impjieg ta' persuni li għandhom problemi ta' saħħa mentali. Dan is-suġġett sa jiġi ttrattat ukoll f'konferenza li l-Kummissjoni sa tkun qed ittella' f'Ġunju b'kollaborazzjoni mal-Fondazzjoni Richmond, bil-għan li jiġu ssensibilizzati Managers tar-Riżorsi Umani u Senior Managers dwar l-inklużjoni ta' persuni li għandhom problemi ta' saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol.

Il-Kummissjoni ħadmet ukoll ma' żewġ NGOs oħra f'dan il-qasam. Mal-għaqda, BBrave, il-Kummissjoni ħadmet fuq riċerka fuq ir-riperkussjonijiet tal-ibbulijar fuq il-post tax-xogħol fuq is-saħħa mentali tal-individwu. Dan wassal biex ġew imfassla toolkit għal min iħaddem u politika (policy) dwar ir-Riżorsi Umani fuq il-post tax-xogħol kontra l-ibbulijar.
Mal-għaqda Prisms Malta, qed taħdem fuq proġett jismu Point of Connection sabiex tiżdied l-inklużjoni ta' żgħażagħ bl-awtiżmu fil-komunitajiet lokali, bil-għan li jitjiebu l-kwalità tal-ħajja u l-istat ta' saħħa mentali tagħhom.

Ninfurmaha wkoll li professjonisti minn Aġenzija Sapport jikkollaboraw ma' professjonisti oħra varji minn entitajiet differenti skont il-bżonn tal-persuni b'diżabilità li jkunu qed jirċievu servizzi mill-Aġenzija u li jkollhom ukoll diffikultajiet relatati mas-saħħa mentali. Dawn l-entitajiet jinkludu ċ-ċentri tas-saħħa tal-kura primarja, iċ-ċentri tas-saħħa mentali tal-komunità, l-Isptar Monte Carmeli, l-Isptar Mater Dei, id-Downs Syndrome Clinic, il-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali, is-CYPS, il-Young People Unit (YPU), il-Fondazzjoni Richmond, psikjatri, psikoloġisti, ħaddiema soċjali, il-Ministeru tal-Edukazzjoni u skejjel inkluż Guardian Angel u Wardija Resource Centre. Dan minbarra li persuni b'diżabilità fi ħdan is-servizz tas-Supported Independent Living tal-Aġenzija qed jirċievu s-servizz ta' psychiatric reviews fi klinika organizzata għalihom b'kollaborazzjoni mal-Isptar Monte Carmeli.

Seduta 249
19/06/2024

**ETC - ĦADDIEMA B'DIFFIKULTAJIET RELATATI MAS-SAĦĦA MENTALI**

**20018. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-Employment and Training Corporation (ETC) għandhiex statistika ta' kemm-il persuna kellha tieqaf mill-impjieg tagħha matul l-aħħar sena minħabba li kellha diffikultajiet relatati mas-saħħa mentali? Jekk iva, jista' jqiegħed din l-informazzjoni fuq il-Mejda tal-Kamra? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn il-persuni reġgħu daħlu lura fid-dinja tax-xogħol?

14/06/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li r-raġuni ta' 'saħħa mentali' mhix inkluża fil-formola tat-terminu tal-impjieg provduta lil Jobsplus, iżda tiprovdi raġuni ta' 'saħħa'.

Seduta 249
19/06/2024

**SAN PAWL IL-BAĦAR - ŻONA TAL-GĦAŻŻENIN - AĊĊESS GĦALL-BAJJA**

**20019. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 19192 fir-rigward tal-aċċess għall-bajja fiż-żona tal-Għażżenin, San Pawl il-Baħar, jista' l-Ministru jwieġeb fir-rigward tat-taraġ li mit-triq iwassal għall-bajja ż-żgħira li hemm ħdejn il-bini li jużaw il-Young Sailors Club, ħdejn l-iskola Primarja ta' San Pawl il-Baħar?

14/06/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ser issir spezzjoni mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi fuq it-taraġ indikat u li jinsab fil-Bajja Tax-Xama', San Pawl il-Baħar, sabiex jiġu identifikati x-xogħlijiet meħtieġa.

Seduta 249
19/06/2024